Il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu

Lumen Company Limited (C 4201)

(vs)

L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta

(Każ Nru. 111 tal-2018)

26 ta' April 2021

Il-Bord:

Ra l-appell tas-socjeta` appellanti rigward id-deċiżjoni tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta ("l-Awtorità") mhux datata, riċevuta mis-socjeta` appellanti fit-28 ta' Settembru 2018 bi tweġiba għall-ittra ta' l-istess socjeta` appellanti tas-6 ta' Awwissu 2018, li permezz tagħha l-Awtorità infurmat lis-socjeta` appellanti li "*the Malta Tourism Authority (hereinafter referred to as the Authority), finds no objection to accede to your request to be able to play soft-background music till 4.00 hours, unless music is not heard outdoors between 23.00 hours and 4.00 hours. In view of the fact that the Licensing Appeals' Board had on the 14th February, 2018 decided that no music by whatever means shall be played between 1.00 hours and 4.00 hours, this Authority cannot over rule this decision. However, given that the Licensing Appeals' Board had decided that background music may only be played between 23.00 hours and 1.00 hours, with the condition that music cannot be heard outdoors, the Authority may only issue a licence in this regard.*"

Ra r-risposta tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta u d-dokumenti kollha esebiti;

Ra l-provi dokumentarji kollha mressqa mill-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra n-Nota mressqa konġuntivament mill-partijiet fil-21 ta' Ottubru 2021 li biha ddikjaraw li m'ghandhom ebda oġġezzjoni li l-appell jitħalla għas-sentenza nonostante illi l-komposizzjoni tal-Bord tal-Appell dwar it-Turiżmu kienet inbidlet a rigward żewġ membri *eccetto* iċ-Ċerman.

Ikkunsidra:

Illi fl-appell tagħha is-socjeta` appellanti ssottomettiet li:

*"Preliminarjament id-deċijoni illi saret referenza għaliha tal-Bord tal-Appell tal-Licenzji hija appell fuq talba ta' "extended operating hours" u l-kompitu ta' dak il-Bord huwa illi jaccetta jew ma jaccettax it-talba għall-extended operating hours u b'konsegwenza meta impona kundizzjonijiet fuq il-mużika, l-istess bord mar-ultra vires.*

*Illi hija l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta l-awtorita' kompetenti biex tiddetermina jekk u x'tip ta' mużika tista' tindaq ġewwa stabbiliment liċenzjat u fil-fatt l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta mgħandha ebda oġġezzjoni ghat-talba tas-socjeta' esponenti.*

*Illi jekk wiehed jadotta t-tezi illi l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta ma tistax tiddeciedi fuq ħaġa illi legalment hija ntitolata tiddeciedi, u dana sempliciement għaliex awtorita` oħra għamlet dikjarazzjoni ultra vires, ikun qed jinħoloq preċedent perikoluż ħafna għaliex in essenza jista' jingħad illi awtorita' minn jeddha u oltre l-ġurisdizzjoni tagħha unilateralment tissostitwixxi ruħha għal awtorita' oħra.*

*Illi l-fatt illi ġew imposti kundizzjonijiet fuq il-liċenzja mill-Bord tal-Appell tal-Liċenzji bl-ebda mod ma jfisser illi l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta ma tistax toħroġ liċenzja għad-daqq ta' mużika jekk fil-fhema tagħha, dan huwa ġġustifikat.*

*Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti jitolbu lil dan il-Bord jiddikjara null u bla effett r-rifjut ghat-talba biex tindaqq background music bejn il-01.00 u 04.00 ta' filgħodu u toħroġ il-permess għall-istess skop u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhirlu xieraq.".*

Illi fir-risposta tagħha l-Awtorità appellata rrispondiet li:

1. *Illi dan l-appell jirrigwarda d-decizjoni tal-Awtorita' esponenti hekk ikkomunikata permezz ta' ittra indirizzata lis-socjeta' appellanti, f'liema ittra l-Awtorita' esponenti infurmat lill-istess socjeta' appellanti li l-Awtorita esponenti hija disposta li tagħti permess lis-socjeta' appellanti sabiex idoqq background music biss bejn il-ħdax ta' filgħaxija (11:00pm) u is-siegħa ta' filgħodu (1:00am) fl-istabbiliment bl-isem Tex Mex South Restaurant, li jinsab f' Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk u dan bil-kundizzjoni li l-mużika ma tinstema' b' ebda mod barra l-istabbiliment in kwisjtoni u dan a bazi ta' deċiżjoni maħruġa mill-Onorabbli Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar datata 14 ta' Frar, 2018. Fl-istess ittra l-Awtorita' esponenti infurmat ukoll lis-socjeta' appellanti li mhijiex f' posizzjoni li toħroġ, a favur tal-istess socjeta' appellanti fuq l-istess stabbiliment, permess li jawtorizza id-daqq ta' kwalunkwe tip ta' mużika bejn is-siegħa ta' filgħodu (1:00am) u l-erbgħa ta' filgħodu (4:00am) fl-istabbiliment de quo u dan ukoll minħabba l-kontenut u l-kundizzjonijiet imposti fid-deċizjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar hawn msemmija.*

2. *Illi l-istabbiliment de quo huwa kopert b'liċenzja ta' Restuarant — Third Class, liema liċenzja iġib in-numru ta' referenza CE/0769/1 u liema stabbiliment jista' jiġi operat sal-erbgħa ta' filghodu (4:00am) u dan kif jirriżulta mill-istess licenzja;*

3. *Illi sabiex l-istabbiliment de quo ottjena tali estensjoni fil-ħin tal-operat, is-soċjeta' appellanti kellha l-ewwel tapplika bil-miktub mad-Direttur tas-Servizzi tal-Kummerċ sabiex*

*tottjeni tali estensjoni u dan ai termini tar-Regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji (LS. 441.08) liema talba għal tali estensjoni kienet inizjalment giet rifjutata mill-istess Direttur tal-Kummerċ u dan stante li l-Kummissarju tal-Pulizija oppona għal ħruġ ta' dan il-permess;*

4. *Illi in vista tad-deċiżjoni meħuda mid-Direttur tal-Kummerċ, ir-rappreżentant tas-socjeta' appellanta Jean Paul Baldacchino appella quddiem il-Bord tal-Appell dwar il-Liċenzjar, fejn l-Onorabbli Bord iddeċieda fl-14 ta' Frar, 2018 li jilqa' l-appell intavolat minn Jean Paul Baldacchino u ordna lid-Direttur tal-Kummerċ sabiex joħroġ il-permess neċessarju għall-istabbiliment de quo sabiex il-ħin tal-ftuħ jkun estis sal-erbgħa ta' filgħodu (4:00am);*

5. *Illi iżda fl-istess deċizjoni l-Onorabbli Bord tal-Appell dwar il-Liċenzjar impona s-segwenti kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' dan il-permess fuq l-istabbiliment in kwistjoni:*

a. *'It-Terrazzin għandu jingħalaq kompletament bil-ħġieġ fil-ħdax ta' filgħaxija, is-sena kollha.*
b. *Illi fit-terrazzin jista' jindaqq biss backgrouud music.*
c. *Illi sal-ħdax ta' filgħaxija (23.00hrs) lista' tindaqq kull tip ta' mużika u cioe' anke mużika live fil-parti nterna ta' l-istabbiliment u dan jeskludi t-terrazzin.*
d. *Illi mill-ħdax ta' filgħaxija (23.00hrs) sas-siegħa ta' filgħodu (01.00hrs) jindaqq biss background music li ma jinstemax minn barra.*
e. *Illi mis-siegħa ta' filgħodu (01.00hrs) sa' l-erbgħa ta' filgħodu (04.00hrs) ma tistax tindaqq l-ebda tip ta' mużika.*

6. *Illi wara li ingħatat din id-deċiżjoni s-socjeta' appellanta talbet lill-Awtorita' esponenti sabiex tawtorizza li tindaqq background music sal-erbgħa ta' filgħodu (4:00am) fl-istabbiliment de quo stante li huwa sa dak il-ħin li huma jistgħu jibqgħu miftuħin;*

7. *Illi in vista tal-kundizzjonijiet ċarissimi imposti mill-Onorabbli Bord tal-Appell dwar il-Liċenzjar, l-Awtorita' ma setgħetx tmur oltre minn dak li ġie impost fil-permess għall-estensjoni ta' ħin tal-operat tal-istabbiliment in kwistjoni;*

8. *Illi tajjeb li jiġi osservat li minn din id-deċizjoni tal-Onorabbli Bord tal-Appell dwar il-Liċenzjar ma jirriżultax li gie intavolat appell minn Jean Paul Baldacchino u/jew mis-socjeta' appellanta, liema dan kellhom kull dritt li jagħmlu ai termini tal-artikoiu 8 tal-Att Dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ (Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta);*

9. *Illi għalhekk in vista tal-fatt li d-deċiżjoni tal-Onorabbli Bord tal-Appell dwar il-Liċenzjar ma ġietx appellata u hija res judicata u kif ukoll kif jirriżulta mir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji (L.S. 441.08) li id-Direttur tan-Negozju (u għalhekk anke l-istess Onorabbli Bord) għandhom is-setgħa li (u ġa jimponu) kundizzjonijiet fuq x' tip ta' mużika u fi x'ħin din tista' tindaqq fl-istabbilimenti tal-ikel licenzjati mill-Awtorita` esponenti, l-Awtorita` esponenti ma kellhiex triq oħra għajr li timxi u tosserva id-deċiżjoni tal-istess Onorabbli Bord datata 14 ta' Frar, 2018 fl-ismijiet Jean Paul Baldacchino vs Direttur Servizzi tal-Kummerċ, liema deciżjoni hija res judicata."*

Ikkunsidra:

Dan l-appell jirrigwarda r-rifjut tal-Awtorità appellata milli tħalli lis-socjeta` appellanti ddoqq *background music* fl-istabbiliment li jipprovdi l-ikel Tex Mex South Restaurant sal-4am, f'liema ħin l-istess socjeta` appellanti hi obbligata tagħlaq l-istabbiliment. Il-motivazzjoni għal din id-deċiżjoni tal-Awtorita` appellata kienet li, in vista li l-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar iddeċieda fl-14 ta' Frar 2018 li l-ebda mużika ma tista' tindaqq fl-istabbiliment bejn is-1am u l-4am, hija ma tistax tmur kontra dik id-deċiżjoni.

Is-socjeta` appellanti ħassitha aggravata mid-deċiżjoni tal-Awtorita` appellata u fl-appell tagħha odjern bażkament tikkontendi li:

1. d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar hija *ultra vires* għax il-kompitu ta' dak il-Bord huwa illi jaċċetta jew ma jaċċettax talba għall-extended operating hours u ma setgħax jimponi kundizzjonijiet fuq il-muzika;

2. hija l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta l-awtorita' kompetenti biex tiddetermina jekk u x'tip ta' mużika tista' tindaqq ġewwa stabbiliment liċenzjat u fil-fatt l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta mgħandha ebda oġġezzjoni għat-talba tas-socjeta` esponenti;

3. jekk wiehed jadotta t-tezi illi l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta ma tistax tiddeċiedi fuq ħaga illi legalment hija ntitolata tiddeciedi, u dana sempliċiement għaliex awtorita` oħra għamlet dikjarazzjoni *ultra vires*, ikun qed jinħoloq preċedent perikoluż ħafna għaliex in essenza jista' jingħad illi awtorita' minn jeddha u oltre l-ġurisdizzjoni tagħha unilateralment tissostitwixxi ruħha għal awtorita' ohra; u

4. l-fatt illi gew imposti kundizzjonijiet fuq il-liċenzja mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar bl-ebda mod ma jfisser illi l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta ma tistax toħroġ liċenzja għad-daqq ta' muzika jekk fil-fhema tagħha, dan huwa ġġustifikat.

Is-soċjeta` appellanti tikkontendi li hija l-Awtorita` appellata li tista' tiddeċiedi liema tip ta' mużika tindaqq. Biex wieħed jieħu permess għal amplified music wara l-11pm hija l-Awtorita` appellata li trid tawtorizzak u mhux il-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar. Is-soċjeta` appellanti tisħaq li hija l-Awtorita` appellata biss li għandha ġurisdizzjoni tiddeċiedi fuq il-ħinijiet li għandha tindaqq il-mużika. Il-kwistjoni hija ta' mużika u mhux opening hours u la hija fuq mużika hija l-Awtorita` appellata li għandha l-prerogattiva li tagħti jew tirrifjuta l-permess u mhux il-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar.

L-Awtorita` appellata laqgħet għall-appell billi ssostni li:

1. l-istabbiliment *de quo* huwa liċenzjat jopera sal-4am u sabiex ottjena tali estensjoni fil-ħin tal-operat, is-soċjeta' appellanti kellha l-ewwel tapplika bil-miktub mad-Direttur tas-Servizzi tal-Kummerċ sabiex tottjeni tali estensjoni u dan ai termini tar-Regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji (LS. 441.08), liema talba għal tali estensjoni kienet inizjalment ġiet rifjutata mill-istess Direttur tal-Kummerċ u dan stante li l-Kummissarju tal-Pulizija oppona għal ħruġ ta' dan il-permess;

2. in vista tal-kundizzjonijiet ċarissimi imposti mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar, inkluż li mis-siegħa ta' filgħodu (01.00hrs) sa' l-erbgħa ta' filgħodu (04.00hrs) ma tistax tindaqq l-ebda tip ta' mużika, l-Awtorita` appellata ma setghetx tmur oltre minn dak li ġie impost fil-permess għall-estensjoni ta' ħin tal-operat tal-istabbiliment in kwistjoni;

3. minn din id-deċizjoni tal-Bord tal-Appell dwar il-Liċenzar ma jirrizultax li ġie intavolat appell minn Jean Paul Baldacchino u/jew mis-soċjeta' appellanta, liema dan kellhom kull dritt li jagħmlu ai termini tal-artikoiu 8 tal-Att Dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ (Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. għalhekk in vista tal-fatt li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar ma ġietx appellata u hija *res judicata,* u kif ukoll kif jirrizulta mir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji (L.S. 441.08) li id-Direttur tan-Negozju (u għalhekk anke l- istess Onorabbli Bord) għandhom is-setgħa li (u ġa jimponu) kundizzjonijiet fuq x' tip ta' mużika u fi x'ħin din tista' tindaqq fl-istabbilimenti tal-ikel licenzjati mill-Awtorita` esponenti, l-Awtorita` appellata ma kellhiex triq oħra għajr li timxi u tosserva id-deċizjoni tal-istess Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar datata 14 ta' Frar, 2018 fl-ismijiet Jean Paul Baldacchino vs Direttur Servizzi tal-Kummerċ, liema deċizjoni hija *res judicata.*

L-Awtorita` appellata temfasizza li meta ġiet ikkreata l-Awtorita` tat-Turiżmu ta' Malta fis-sena 2000 kien hemm qsim ta' poteri u fejn jidħol *amplified music* u ħinijiet hemm ftit *overlap* tal-

liġijiet bejn l-Awtorita' tat-Turizmu u d-Dipartiment tal-Kummerċ. Issostni li għalhekk ma tistax tara l-liġi ta' wieħed mingħajr ma tara l-liġi ta' l-iehor. Tisħaq li d-distinzjoni ċara hija li l-Awtorita` appellata tirregola u tagħti liċenzji fuq id-daqq ta' mużika mentri fuq l-aspett ta' ħinijiet dak jaqa' totalment taħt id-Dipartiment tal-Kummerċ.

L-Awtorita` appellata tgħid li l-kundizzjonijiet imposti mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar ma setgħu qatt jiġu injorati minnha, għax jekk l-Awtorita` tat-Turiżmu tiġi biex tagħti liċenzja ta' amplified music għal ħinijiet sal- l-4am, tkun qiegħda twaqqa' il-permess li ingħata da parti tad-Dipartiment tal-Kummerċ. Jekk is-soċjeta ` appellanti tingħata permess li doqq amplified music sa' l-4am, l-Awtorita` appellata tkun qed twaqqgħalu l-permess biex idoqq sa' l-4am peress li dak il-permess biex idoqq sa' l-4am maħruġ mid-Dipartiment tal-Kummerċ kien suġġett li jissodisfa dawk il-kriterji imposti mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar.

L-Awtorita` appellata ssostni ukoll li s-sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar ma kenitx qed taġixxi *ultra vitres* għaliex jekk wieħed jara l-liġijiet tal-Liċenzi tal-Kummerċ dawn jidħlu fuq ħinijiet u għalhekk l-Awtorita` appellata mxiet skont il-ligi u semmai kif hija l-posizzjoni tagħha messha ġiet appellata d-deċizjoni in kwistjoni. L-Awtorita` appellata tisħaq li hija ma tistax taqbeż awtorita' ohra fil-funzjonijiet tagħha bħala awtorita`.

Ikkunsidra:

Illi fl-ewwel seduta ta' dan l-appell miżmuma fid-19 ta' Frar 2019 il-partijiet ivverbalizzaw li qegħdin jaqblu u jaċċettaw li s-sentenza tal-Bord ta' l-Appelli Dwar Liċenzar tal-14 ta' Frar 2018, għar-rigward il-fatti li ssir referenza għalihom fiha, jagħmlu stat ta' fatt u m'hemmx bzonn jitressqu provi ġodda fuq tali fatti.

Illi b'din l-asserzjoni l-partijiet qablu li l-fatti stabbiliti mid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar Liċenzar tal-14 ta' Frar 2018 jagħmlu stat ta' fatt bejninthom. A rigward il-ħinijiet li l-mużika tista'

tindaqq, li huwa l-mertu tal-appell li għandu quddiemu dan il-Bord, is-segwenti jirriżulta *inter alia* mid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar Licenzar:

1. L-operatur tal-istabbilliment qal li huwa jiġġestixxi ukoll ir-ristorant Tex Mex Sliema fejn hemm għandhom l-*extended trading hours* sal-4am. It-tip ta' mużika li se tindaqq għall-kunċett ta' *lounge* se tkun mużika *live*, primarjament fil-*weekends*. Huwa spjega li ttieħdu il-prekawzjonijiet kollha sabiex ma jinstemgħax minn barra u dan permezz ta' *double doors*, twieqi ta' 20mm ħxuna, u *acoustic panels* u dan skont kif ċertifikat mill-Inġinier Keith Chetcuti u Scicluna & Associates Engineering Consultants. L-operatur ikkonferma li t-terrazzin se jintuża *for dining purposes,* se jngħalaq fil-11pm, ma setgħax isir *soundproofing*, pero` l-mużika mhux se tkun fiż-żoni kollha u fit-terrazzin se tindaqq biss *background music* u l-ebda mużika mhu se tinstema' minn barra wara l-11pm. L-operatur ikkonferma li r-rappreżentant tas-soċjeta` appellanti, is-sur Jean Paul Baldacchino applika għall-permess għall-*amplified music* mingħand l-Awtorita` appellata, l-Awtorita` tat-Turiżmu ta' Malta, u sad-data tad-deċiżjoni tal- Bord ta' l-Appelli Dwar Liċenzar kien għadu qed jistenna tweġiba.

2. Id-Direttur tal-Kummerċ ikkonferma li l-Kummissarju tal-Pulizija oġġezzjona li jinħareġ il-permess għal *extended hours* fit-termini stabbilit mil-liġi. L-Assistent Kummissarju Sandro Gatt spjega li **l-oġġezzjoni prinċipali tal-Pulizija hija minħabba s-*sound* u l-mużika**. Il-Pulizija m'għandha l-ebda oġġezzjoni li l-istabbiliment jopera bħala ristorant. Bażikament il-Pulizija ma tridx li jkollha l-istess problemi kif għandha fi tliet postijiet ta' divertiment oħra li hemm fin-nofsinhar ta' Malta. Huwa qal li l-permessi kollha tar-ristoranti f'Marsaxlokk huma sal-11pm, li pero` jinsabu f'żona residenzjali, mhux bħat-*Tex Mex South* li jinsab ċirka 180 metru miz-zona residenzjali. Waqt il-festa ta' San Girgor ikun hemm min japplika għal *amplified music* fl-*extended hours*, pero` ġeneralment meta jaraw il-kundizzjonijiet imposti fil-*one-time permit*, jerġa' jibdilhom.

   L-Assistent Kummissarju Gatt qal li l-każ kien ġie diskuss bejnu, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Assistent Kummissarju Carmelo Magri fejn qablu fuq punt prinċipali: li Marsaxlokk hu

raħal li li ħadd m'għandu permess wara l-11pm. Marsaxlokk, fl-opinjoni tal-Pulizija, għandu jinżamm *tale quale* kif inhu llum, ċioe` post kwiet fejn tista' tmur bil-familja u tgawdi l-ambjent kif inhu. **Is-sur Gatt speċifika li dawn it-tip ta' permessi jinħarġu sal-11pm, sas-1am jew sal-4am**.

L-Ispettur Melvin Camilleri qal li din id-deċiżjoni ttieħdet mill-Pulizija f'kuntest fejn ġia` ttieħdu deċiżjonijiet oħra dwar *exended hours* u *amplified music*. F'Marsaxlokk m'hemm ħadd li għandu permess sal-4am. L-eqreb post huwa f'Birżebbuġia/Ħal-Far fejn hemm id-diskoteka *Avalon*, li pero` hija 360 metru 'l bogħod miz-zona residenzjali Tal-Papa`. L-ispettur spjega li fil-każ tal-*Avalon* u oħrajn li għandhom permess sal-4am, hemm problema ta' *enforcement* għax bil-lejl il-mużika tinstema'. Hemm problema anki fil-każijiet fejn hemm *soundproofing* tajjeb u l-post huwa *contained*. Fil-każ tal-*Avalon* il-problema l-aktar hija t-terrazzin.

L-Ispettur Camilleri spjega li jekk jingħata l-permess, l-istabbiliment ikun jista' jdoqq mużika b'ħoss notevoli anki wara l-11pm. Huwa kompla li **hemm żewġ tipi ta' permessi, jew sal-11pm u tagħlaq fis-1am; jew inkella sal-11pm b'*background music* sas-1am u tagħlaq fl-4am (mingħajr mużika)**, għalkemm email mill-MTA lill-Assistent Kummissarju kienet turi li *amplified music* tista' ssir sal-4am. Huwa qal ukoll li l-Pulizija ħadu in konsiderazzjoni, fost fatturi oħra, 'l għala ristorant *family-oriented* għandu bżonn jopera sal-4am. Normalment mil-11pm sa nofsillejl ikun għalaq kollox f'Marsaxlokk.

3. L-abbli avukat tal-appellant f'dak l-appell saħaq li l-kwistjoni kienet biss waħda ta' *extended hours u r-ristorant* ġia` kellu permess sas-1am, mhux qiegħed f'zona residenzjali, hemm fabbrika viċin li topera erbgħa u għoxrin siegħa u ma ddejjaq lil ħadd u l-istabbiliment se jopera bħala ristorant inkluż il-mod kif kien qiegħed jiġi equipped. Huwa emfasizza li l-kwistjoni ta' *outdoor amplified music* ma teżistix f'dawk il-proċeduri u l-klijent tiegħu għamel investiment ta' ċertu portata li ma kellux jiġi injorat. Huma kienu ħadu miżuri professjonali biex ma jinstemgħux ħsejjes. L-appellant tella' ukoll jixhed lis-

Sindku ta' Marsaxlokk li qal li kienu ġew approvati applikazzjonijiet għal lukandi u li bil-pjan ta' riġenerazzjoni l-attivita` kummerċjali kienet se tiżdied. L-abbli avukatessa tad-Direttur tal-Kummerċ, min-naħa l-oħra, saħqet li jekk joħroġ il-permess id-Direttur tal-Kummerċ kien se jitlef il-kontroll fuq is-sitwazzjoni u semmai ż-żjieda fil-ħinijiet kellhom japplikaw għal ġewwa u mhux għal barra.

4. Fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord ta' l-Appelli Dwar Liċenzar, wara li għamel il-konsideraazjonijiet tiegħu, iddeċieda li "*jordna lid-Direttur tal-Kummerċ sabiex joħroġ il-permess neċessarju għal dan l-istabbiliment sabiex il-ħin tal-ftuħ jiġi estiż sa' l-erbgħa ta' filgħodu (04.00hrs) u dan taħt dawn is-segwenti kundizzjonijiet:*

   a. *It-Terrazzin għandu jingħalaq kompletament bil-ħġieġ fil-ħdax ta' filgħaxija, is-sena kollha.*
   b. *Illi fit-terrazzin jista' jindaqq biss backgrouud music.*
   c. *Illi sal-ħdax ta' filgħaxija (23.00hrs) lista' tindaqq kull tip ta' mużika u cioe' anke mużika live fil-parti nterna ta' l-istabbiliment u dan jeskludi t-terrazzin.*
   d. *Illi mill-ħdax ta' filgħaxija (23.00hrs) sas-siegħa ta' filgħodu (01.00hrs) jindaqq biss background music li ma jinstemax minn barra.*
   e. *Illi mis-siegħa ta' filgħodu (01.00hrs) sa' l-erbgħa ta' filgħodu (04.00hrs) ma tistax tindaqq l-ebda tip ta' mużika.*"

Ikkunsidra:

Illi żgur m'huwiex il-kompitu ta' dan il-Board li jissindika l-operat ta' Bord ta' Appell ieħor imwaqqaf taħt liġi oħra. Jidher pero` li l-motivazzjonijiet u d-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar Liċenzar huma ġusti u legali u ukoll jikkonstitwixxu *res judicata* bejn il-partijiet fuq il-kwistjoni mressqa quddiemu.

L-unika rimarka li dan il-Bord jara li għandu jagħmel a rigward id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar Liċenzar hija li, wara qari akkurat ta' l-stess deċiżjoni, dan il-Bord huwa konvint li fid-deċiżjoni tiegħu il-Bord ta' l-Appelli Dwar Liċenzar, għalkemm ma semmgħhiex espliċitament fil-motivazzjonijiet tiegħu, ħa in konsiderazzjoni x-xhieda tal- Assistent Kummissarju Sandro Gatt u l-Ispettur Melvin Camilleri fl-imposizzjoni tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja. L-oġġezzjoni prinċipali tal-Pulizija għal dan il-permess kien minħabba s-*sound* u l-mużika u huma xhiedu li dawn it-tip ta' permessi jinħarġu sal-11pm, sas-1am jew sal-4am. Spjegaw li hemm żewġ tipi ta' permessi, jew sal-11pm u tagħlaq fis-1am; jew inkella sal-11pm b'*background music* sas-1am u tagħlaq fl-4am (mingħajr mużika). Għalhekk hu ċar għal dan il-Bord li il-Bord ta' l-Appelli Dwar Liċenzar impona l-kundizzjonijiet tal-liċenzja a rigward il-ħinijiet li kellha tindaqq il-mużika fuq konsiderazzjoni tax-xhieda tal-Pulizija Eżekuttiva.

Ikkunsidra:

Il-partijiet jagħmlu riferenza ampja għar-regolamenti magħmula taħt iż-żewġ reġimi, dawk taħt il-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, u dawk taħt il-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ.

Ir-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel [L.S. 409.15] igħid li:

*"(1) Id-detenturi ta' liċenza u l-operaturi ta' l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel ma għandhomx jippermettu d-daqq ta' mużika tgħajjat, strumenti tal-mużika u, jew l-użu ta' loudspeakers u, jew amplifikazzjoni fl-istabbiliment kemm-il darba ma jkunx inħareġ permess minn qabel għal dik l-attività.*

*(2)* ***Applikazzjonijiet għal permess biex tindaqq mużika****, strumenti mużikali u, jew l-użu ta' loud speakers u, jew amplifikazzjoni f'postijiet li jkollhom liċenza* ***għandhom isiru fuq il-formola adatta li tinkiseb mingħand l-Awtorità.***

*(3)* ***L-Awtorità għandha toħroġ permess għad-daqq ta' mużika tgħajjat****, l-użu ta' strumenti mużikali u, jew l-użu ta' loud speakers u, jew amplifikazzjoni, sakemm –*

*(a) l-istabbiliment ikollu liċenza mill-Awtorità;*

*(b) id-daqq ta' mużika tgħajjat f'dik il-lokalità u f'dik il-kategorija, ikunu konformi ma' gwidi tat-turiżmu stabbiliti;*

*(ċ) l-applikant jippreżenta* ***għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità*** *d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni indikati fil-formola tal-applikazzjoni* ***inkluża kopja tal-permess tal-pulizija u permessi oħra meta dan ikun japplika:***

***Iżda l-Awtorità tista' timponi*** *dawk it-talbiet, kondizzjonijiet u limitazzjonijiet fil-liċenza* ***kif tista' tikkunsidra neċessarju, xieraq u proporzjonat*** *skont l-Att u r-regolamenti magħmulin taħt l-Att:*

*Iżda wkoll din il-liċenza ma teħlisx lid-detentur tal-liċenza u lill-operaturi mill-****obbligu li jiksbu xi permessi oħra meħtieġa b'xi liġijiet jew regolamenti oħra*** *li jkunu fis-seħħ f'dak iż-żmien.*

*(4) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jkollhom skont il-liġijiet u regolamenti applikabbli,* ***detenturi ta' liċenzi u operaturi ta' stabbilimenti tat-turiżmu li jkolhom liċenza biex idoqqu mużika amplifikata, għandhom jikkomformaw ruħhom il-ħin kollu mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ.****"*[1]

Ir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar Attivitajiet Turistiċi (Disposizzjonijiet Ġenerali) [L.S. 409.08] *inter alia* igħid li:

*"(1) L-Awtorità għandha tagħti liċenza ta' attività turistika jekk tkun sodisfatta li l-applikant, sew jekk individwu sew jekk korp magħqud, kif ukoll il-post li jkun ser jingħata liċenza, jkunu* ***konformi mal-ħtiġiet rilevanti għal dik l-attivita` turistika*** *kif speċifikati fl-Att u fir-regolamenti kollha magħmulin taħtu.*

*(2) Liċenza maħruġa dwar xi attività turistika tkun suġġetta għall-kondizzjoni li l-post li jkun ser jintuża għal dik l-attività jkun* ***f 'kull mod iħares kull ħtieġa taħt xi liġi oħra li tista' tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien****.*

*(3) Liċenza dwar xi attività turistika ma tinħariġx jew ma tiġġedditx jekk ikun hemm* ***oġġezzjoni għaliha mill-Kummissarju tal-Pulizija*** *jew* ***minn xi awtorità oħra****, iżda dik l-oġġezzjoni għandha tkun* ***meqjusa bħala raġonevoli, ġustifikata u proporzjonali*** *mill-Awtorità."*[2]

[1] Emfasi tal-Bord.
[2] Emfasi tal-Bord.

Issa ngħaddu għall-qafas legali taħt id-Dipartiment tal-Kummerċ. Ir-regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji [L.S. 441.08] *inter alia* igħid li:

*"... (2) Is-sid jew il-manager ta' xi post kummerċjali ..., għandu japplika bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ bil-għan li jġib awtorizzazzjoni biex jestendi l-ħin ta'negozju għal dak il-post kummerċjali. Is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ għandha fi żmien sebat ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi dik l-applikazzjoni, tikkonsulta mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta biex tara jekk id-drittijiet rilevanti tal-liċenza fir-rigward ta' dak il-post kummerċjali humiex imħallsa u għandha titlob ukoll l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jiġi estiż il-ħin ta' negozju tal-post kummerċjali. Fi żmien sittin ġurnata tax-xogħol wara li jirċievu dak l-avviż mingħand is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija għandhom jibgħatu tweġiba bil-miktub.*

*(3) Fil-każ li, matul iż-żmien imsemmi ta' sittin ġurnata, l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta tindika li d-drittijiet tal-liċenza fir-rigward tal-post kummerċjali ma jkunux imħallsa jew fl-eventwalità li l-Kummissarju tal-Pulizija, fiż-żmien imsemmi joġġezzjona għall-estensjoni tal-ħin tan-negozju, dik l-estensjoni ma għandhiex tingħata.*

*(4) Jekk wara dawk is-sittin ġurnata is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ ma tirċievi l-ebda risposta mingħand l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta jew mill-Kummissarju tal-Pulizija, għandu jitqies illi l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta jew il-Kummissarju tal-Pulizija skond kif ikun il-każ, jkun jaqbel mal-għoti tal-awtorizzazzjoni biex il-ħin tan-negozju jkun estiż:*

*Iżda:*

*(a)* ***id-daqq ta' mużika*** *b'kull mezz ġewwa post kummerċjali li ma jkunx liċenzjat biex idoqq mużika amplifikata* ***għandu jieqaf sal-11.00 p.m.*** *u bejn is-1.00p.m u l-4.00 p.m.;*

*(b)* ***mużika amplifikata tista' tindaqq biss wara l-11.00p.m.*** *u bejn is-1.00 p.m u l-4.00 p.m. f'postijiet kummerċjali li għandhom liċenza għad-daqq ta' mużika amplifikata f'dak il-post;*

*(ċ) bla ħsara għall-paragrafu (b), id-daqq ta' mużika b'kull mezz ġewwa post kummerċjali li jkun liċenzjat biex idoqq mużika amplifikata b'tali mod li jinstema' minn barra tal-post f'kull żona* ***huwa projbit wara l-11.00 p.m.*** *u bejn is-1.00 p.m u l-4.00 p.m. u wara nofs il-lejl fil-lokalitajiet ta' Buġibba, il-Qawra u San Pawl il-Baħar, b'eċċezzjoni għal dawk iż-żoni ġewwa Buġibba, l-Qawra u Paceville, kif hemm provdut fit-Tielet Skeda fejn id-daqq ma' jistax jinstema' minnbarra tal-post wara s-1.00 a.m.;*

*(d) l-operat ta' post kummerċjali liċenzjat biex* ***jiftaħ għall-kummerċ mis-1.00 a.m. sa l-4.00 a.m. ma għandux matul dawk is-sigħat joħloq fastidju*** *jew inkonvenjenza lill-viċini*

*b'xi xorta ta' ħoss li jinstema' minn barra l-post jew b'xi mezz magħmul minn ġewwa jew min barra tal-post.*

*(5) Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mad-disposizzjonijiet tal-proviso għas-subregolament (4), kull membru tal-Pulizija ta' mhux anqas mill-kariga ta' surġent għandu s-setgħa li jordna r-rimedju immedjat ta' kull ksur għas-sodisfazzjoni tiegħu u kull membru tal-Pulizija mhux anqas mill-kariga ta' Spettur jista' jordna l-għeluq immedjat tal-post għal perjodu ta' tnax-il siegħa skont ma' huwa jħoss adatt fiċ-ċirkostanzi. ... ...*

*(7) (a)* ***Ma għandha tindaqq ebda mużika amplifikata*** *minn live bands jew b'kull mezz ieħor fil-kors jew bħala parti minn attività kummerċjali* ***bejn l-4.00 a.m. u d-9.00 a.m.***

*(b) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (ċ),* ***attività kummerċjali li tkun qed tinżamm fil-miftuħ, ġewwa xi parti minn post kummerċjali, għandha tispiċċa sa mhux aktar tard mis-1.00 a.m.***

*(ċ) Jekk il-post fejn tkun qegħda ssir l-attività fil-miftuħ ikun inħawi ta' xi post li jkollu liċenza bħala stabbiliment tal-catering taħt l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, jew ikollu liċenza bħala night-club, diskoteka jew xi post ieħor fejn isiriż-żfin u jitħallas dritt għad-dħul, u l-post ikun jinsab f'distanza ta' iktar minn 500 metru minn xi inħawi abitati, id-detentur ta' liċenza jista' japplika għand il-Ministru għal estensjoni tat-terminu taż-żmien stipulat f'dan ir-regolament bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkunu adatti u sakemm dak it-terminu ta' żmien ma għandu f'ebda każ ma' jittawwal għal iżjed mill-4.00 a.m."*[3]

Ir-regola 4 tal-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar Attivitajiet Turistiċi (Disposizzjonijiet Ġenerali) [L.S. 409.08] *inter alia* tistabbilixxi ukoll li:

*"Stabbilimenti tal-ikel u xorb kif imfissra fl-Att Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, ..., jistgħu jibqgħu miftuħin kuljum sas-1.00 a.m.:*

*Iżda dawn l-istabbilimenti jistgħu jkunu soġġetti għal kull restrizzjoni jew estensjoni li tista' tinħareġ mill-Ministru responsabbli għat-Turiżmu, l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija:*

[3] Emfasi tal-Bord.

*Iżda wkoll dawk l-istabbilimenti jistgħu jibqgħu miftuħin għan-negozju sal-4.00a.m. tal-għada filgħodu fil-ġranet tal-Karnival, Sibt il-Għid, Lejlet il-Milied u Lejlet l-Ewwel tas-Sena."*

KONSIDERAZZJONIJIET ULTERJURI

Illi dan il-Bord għamel studju profond tar-regolamenti applikabbli għall-każ odjern u l-interkonnessjoni tagħhom. Waqt it-trattazzjoni tiegħu l-abbli konsulent legali tas-soċjeta` appellanti saħaq li l-*proviso* tas-subregolament (4) tar-regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji [L.S. 441.08] hu limitat għall-aspett ta' ħinijiet biss, ir-regolamentazzjoni ta' liema taqa' totalment taht id-Dipartiment tal-Kummerċ, mentri r-regolamentazzjoni kollha a rigward il-mużika taqa' eskiussivament taħt l-Awtorita` appellata. Huwa jargumenta li l-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar kellu biss il-kompitu li jaċċetta jew ma jaċċettax talba għall-*extended operating hours* u ma setgħax jimponi kundizzjonijiet fuq il-muzika. Huwa jinterpreta dan il-*proviso* fis-sens li jekk wieħed jingħata permess biex jopera sa' l-4am huwa ma jista' jdoqq qatt wara l-4am, mentri l-permess għall-mużika u l-kundizzjonijiet marbuta miegħu, għandu jingħata mill-Awtorita` appellata. Hu jagħfas fuq il-kliem *"when they are not licensed to play amplified music"* fil-paragrafu (a) tal-*proviso*. Konsegwentement jargumenta li *to be licensed to play amplified music* trid tmur ghand l-MTA. L-argument tas-soċjeta` appllanti hu li fuq mużika, hija l-Awtorita` appellata li hija kompetenti u għandha l-aħħar kelma u dan *in linea* mar-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel [L.S. 409.15]. Għas-soċjeta` appllanti l-fatt li ġew imposti kundizzjonijiet fuq il-liċenzja mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar bl-ebda mod ma jfisser illi l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta ma tistax toħroġ liċenzja għad-daqq ta' muzika, jekk fil-fiehma tagħha, dan huwa ġġustifikat.

Dan il-Bord hu tal-fiehma li l-interpretazzjoni strettament litterali li s-socjeta` appellanti qiegħda tagħti lill-*proviso* tas-subregolament (4) tar-regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji [L.S. 441.08] ma jreġġix fl-assjem tal-interkonnessjoni tar-regolamenti applikabbli taħt iż-żewġ liġijiet. Dan il-Bord jaqbel mal-argumentazzjoni magħmula mill-abbli konsulenta legali tal-Awtorita` appellata li meta ġiet ikkrejata l-Awtorita` tat-Turiżmu ta' Malta

fis-sena 2000 kien hemm qsim ta' poteri u fejn jidħol *amplified music* u ħinijiet hemm ftit *overlap* tal-liġijiet bejn l-Awtorita' tat-Turizmu u d-Dipartiment tal-Kummerċ. Ma tistax tara l-liġi ta' wieħed mingħajr ma tara l-liġi ta' l-iehor. Pero` d-distinzjoni ċara hija li l-Awtorita` appellata tirregola u tagħti liċenzji fuq id-daqq ta' mużika mentri fuq l-aspett ta' ħinijiet dak jaqa' totalment taħt id-Dipartiment tal-Kummerċ.

Ukoll huwa ċar għal dan il-Bord li, mill-interpretazzjoni tal-assjem tar-regolamenti applikabbli magħmula taħt l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (Kap. 409), l-Awtorita` appellata kienet obbligata taderixxi mal-kundizzjonijiet imposti fil-liċenzja maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ. Is-subregolament (4) tar-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel [L.S. 409.15] jagħmilha ċara li detenturi ta' liċenzi u operaturi ta' stabbilimenti tat-turiżmu li jkolhom liċenza biex idoqqu mużika amplifikata, għandhom jikkomformaw ruħhom il-ħin kollu mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ. Aktar, bis-subregolament (3) tar-regolament 4 tar-Regolamenti dwar Attivitajiet Turistiċi (Disposizzjonijiet Ġenerali) [L.S. 409.08], l-Awtorita` appellata ma setgħetx toħroġ il-liċenzja mitluba billi kien hemm oġġezzjoni għaliha kemm mill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll mid-Dipartiment tal-Kummerċ. Jirriżulta li, in konformita` mal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (3) tal-Liġi Sussidjarja 409.08, il-kopji tal-permess tal-Pulizija u dak tad-Dipartiment tal-Kummerċ, dan tal-aħħar kif ordnat jinħareġ mil-Bord ta' l-Appelli Dwar Liċenzar, ma kienux għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità appellata.

Il-motivazzjoni tad-deċiżjoni ta' dan il-Bord hija ukoll konfortata mill-interpretazzjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Jeremy Cassar Torregiani et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija tat-28 ta' April 2014** (Ċitaz. nru. 667/2011) li kienet ikkunsidrat li:

*"Hu evidenti li:*

*(a) Min ghandu stabbiliment li jipprovdi l-ikel, ghandu bzonn licenzja mahruga mill-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta (**Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu Ikel** – L.S. 409.15);*

*(b) Min iwettaq attivita' kummercjali, ghandu bzonn licenza tal-kummerc mahruga mid-Dipartiment tal-Kummerc (**Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc** – L.S. 441.07).*

*Dawn ir-regolamenti jirregolaw ukoll id-daqq ta' muzika minn gewwa stabbilimenti tal-catering u jaghti poter lill-pulizija li jistghu jwasslu biex taghlaq il-fond fejn tkun qeghda ssir l-attivita' kummercjali (ara Regolament 38)[4]. Ghal dak li jirrigwarda d-daqq ta' muzika, issir ukoll riferenza ghar-Regolament 12 tal-Ligi Sussidjarja 409.15 li jipprovdi: "Id-detenturi ta' licenza u l-operaturi ta' l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel ma ghandhomx jippermettu d-daqq ta' muzika tghajjat, strumenti tal-muzika u, jew l-uzu ta' loud speakers u, jew amplifikazzjoni fl-istabbiliment kemm-il darba ma jkunx inhareg permess minn qabel ghal dik l-attivita`"[5]."* (Sottolinjar ta' dan il-Bord).

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-kontenzjoni tas-soċjeta` appellanti li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar hija *ultra vires* ma tistax tintlaqa'. Barraminhekk dan il-Bord hu tal-fiehma li, fiċ-ċirkostanzi, id-disposizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta u tal-liġijiet oħra applikabbli ġew implimentati u applikati sew u li d-diskrezzjoni vestita fl-awtorità appellata ġiet użata b'mod raġonevoli.

Għaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula, il-Bord qiegħed jiddisponi minn dan l-Appell billi jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta mhux datata, riċevuta mis-socjeta` appellanti fit-28 ta' Settembru 2018 bi tweġiba għall-ittra ta' l-istess socjeta` appellanti tas-6 ta' Awwissu 2018.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mis-socjeta` appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Avv. Ivan Sammut<br>Ċermen | Avv. Helen Caruana<br>Membru | Ms Joan Sheridan<br>Membru |

Avv. Lynn Faure
Segretarja

[4] Il-provvediment tar-regolament 38 tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Avviż Legali 1 tal-2006) ġew fil-biċċa l-kbira inklużi fir-regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji [L.S. 441.08].
[5] Is-subartikolu (1) tar-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel [L.S. 409.15].